KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fil-15 ta' Settembru 2016 [1]

Kawżi Magħquda C-508/15 u C-509/15

Sidika Ucar
vs
Land Berlin (C-508/15)
u
Recep Kilic
vs
Land Berlin (C-509/15)

[talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Berlin (qorti amministrattiva ta' Berlin, il-Ġermanja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija — Dritt ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork fis-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru — Kundizzjonijiet — Neċessità għall-persuna li tiġbor lill-familja li tkun fis-suq regolari tax-xogħol matul l-ewwel tliet snin ta' residenza tal-membru tal-familja"

1. Permezz ta' dawn iż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari, il-Verwaltungsgericht Berlin (qorti amministrattiva ta' Berlin, il-Ġermanja) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kundizzjonijiet li taħthom il-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork residenti fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom jingħataw id-dritt li jeżerċitaw attività bħala persuna impjegata. Dawn il-kundizzjonijiet huma ffissati bl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni (iktar 'il quddiem, id-"Deċiżjoni Nru 1/80") adottata mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-ħolqien ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmat fit-12 ta' Settembru 1963, f'Ankara (It-Turkija) mir-Repubblika tat-Turkija, minn naħa, kif ukoll mill-Istati Membri tal-KEE u l-Komunità, min-naħa l-oħra, u li ġie konkluż, approvat u kkonfermat f'isem din tal-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE, tat-23 ta' Diċembru 1963 [2] (iktar 'il quddiem, il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija").

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 10.

I – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-Deċiżjoni Nru 1/80*

2. L-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 huwa fformulat kif ġej:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 dwar l-aċċess liberu għall-impjieg għall-membri tal-familja tiegħu, ħaddiem Tork, li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru:

— għandu dritt, f'dan l-Istat Membru, wara sena ta' impjieg regolari, għat-tiġdid tal-permess ta' xogħol tiegħu mal-istess persuna li timpjega, jekk din ikollha impjieg x'toffri;

— għandu d-dritt, f'dan l-Istat Membru, wara tliet snin ta' impjieg regolari u suġġett għall-prijorità li għandha tingħata lill-ħaddiema tal-Istati Membri tal-Komunità, li jwieġeb għal offerta oħra ta' impjieg fl-istess professjoni ma' persuna li timpjega ta' għażla tiegħu, magħmula taħt kundizzjonijiet normali u rreġistrata mad-dipartiment tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru;

— għandu jgawdi, f'dan l-Istat Membru, wara erba' snin ta' xogħol legali, minn aċċess liberu għal kull attività bħala persuna impjegata tal-għażla tiegħu.

3. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jikkonċerna d-drittijiet mogħtija lill-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru li kienu ġew awtorizzati jingħaqdu miegħu. Huwa jipprovdi li dawk il-membri "għandhom id-dritt li jwieġbu – suġġett għall-prijorità li għandha tingħata lill-ħaddiema tal-Istati Membri tal-Komunità – għal kull offerta ta' impjieg meta huma jkunu ilhom residenti hemmhekk għal mill-inqas tliet snin [u] jgawdu minn aċċess liberu għal kull attività bħala persuna impjegata tal-għażla tagħhom meta huma jkunu ilhom residenti hemmhekk b'mod legali għal mill-inqas ħames snin" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4. L-Artikolu 14(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jipprovdi li "[d]-dispożizzjonijiet ta' ddin it-taqsima għandhom jiġu applikati suġġett għal-limitazzjonijiet ġustifikati għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà u ta' saħħa pubblika" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

B – *Id-dritt Ġermaniż*

5. L-elementi rilevanti għall-kawżi preżenti jinsabu fil-Gesetz über den Aufenthalt, die Erwebstätigkeit und die Integration von Ausländern im Bundesgebiet (liġi dwar ir-residenza, l-impjieg u l-integrazzjoni tal-barranin fit-territorju federali, iktar 'il quddiem l-"AufenthG") [3].

6. L-Artikolu 4(5) tal-Aufenthaltsgesetz jipprovdi li "[b]arrani li, b'applikazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-KEE u t-Turkija, ikollu dritt ta' residenza, huwa obbligat li juri l-eżistenza ta' dan id-dritt billi jressaq il-prova li huwa għandu permess ta' residenza jekk ma jkollu la awtorizzazzjoni ta' stabbiliment u lanqas permess ta' residenza KE permanenti. Il-permess ta' residenza għandu jinħareġ fuq talba."

3 — Liġi tat-30 ta' Lulju 2004 (BGBl I. 2004, p. 1950) kif ippubblikata fil-25 ta' Frar 2008 (BGBl I. 2008, p. 162).

7. L-Artikolu 53 tal-AufenthG jiddisponi kif ġej:

“Barrani għandu jkun suġġett għal miżura ta’ tkeċċija meta:

1. ikun ġie kkundannat għal reat jew iktar imwettaq intenzjonalment taħt piena li ċċaħħad il-libertà jew piena għal att kriminali minn minuri ta’ mill-inqas tliet snin li tkun saret *res judicata* jew li, matul perijodu ta’ ħames snin, ikun ġie kkundannat għal reati mwettqa intenzjonalment għal pieni li jċaħħdu l-libertà jew għal pieni għal atti kriminali minn minuri li jkunu saru *res judicata* b’total ta’ mill-inqas tliet snin jew tkun ġiet ordnata detenzjoni preventiva mal-aħħar kundanna definittiva tiegħu[;]

2. ikun ġie kkundannat għal reat imwettaq intenzjonalment kontra l-liġi dwar id-droga […] għal piena għal atti kriminali minn minuri ta’ mhux inqas minn sentejn jew għal piena li ċċaħħad il-libertà li saret *res judicata* mingħajr benefiċċju ta’ sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-piena […].”

8. L-Artikolu 55 tal-AufenthG jipprovdi li “[b]arrani jista’ jitkeċċa meta r-residenza tiegħu tippreġudika l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika jew interessi oħra prevalenti ta[l-Ġermanja]” [4] b’mod partikolari meta huwa jkun wettaq “ksur ta’ liġijiet, ta’ deċiżjonijiet jew ta’ miżuri ta’ ġustizzja jew amministrattivi, li ma jkunx fatt iżolat jew minuri […]” [5].

II – Il-kawżi prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

A – *Il-Kawża C-508/15*

9. Sidika Ucar hija ċittadina Torka, li żżewġet lil Ö. Ucar fl-1977. Flimkien, huma kellhom erba’ ulied qabel ma ddivorzjaw fl-1991. Fl-istess sena, Ö. Ucar telaq mit-Turkija, fejn huwa kien jirrisjedi mal-familja tiegħu, lejn il-Ġermanja u żżewweġ ċittadina Ġermaniża. Fl-1996, Ö. Ucar kiseb permess ta’ residenza għal żmien illimitat maħruġ mill-awtoritajiet nazzjonali. Fl-1999, it-tieni żwieġ ta’ Ö. Ucar ġie xolt. F’Settembru 2000, S. Ucar reġgħet iżżewġet lil Ö. Ucar. F’Novembru 2001, flimkien mal-iżgħar wild tagħhom, hija daħlet fit-territorju Ġermaniż bis-saħħa ta’ viża għal skop ta’ riunifikazzjoni tal-familja ma’ żewġha mogħtija mil-Landesamt für Bürger- und Ordnungsangelegenheiten (dipartiment tal-barranin tal-Land ta’ Berlin, il-Ġermanja, iktar ’il quddiem id-“dipartiment tal-barranin”) u ta’ permess ta’ residenza ta’ konjuġi li kien jiskadi fis-26 ta’ Novembru 2002.

10. F’dak li jikkonċerna s-sitwazzjoni professjonali ta’ Ö. Ucar, dan kien jaħdem minn Mejju 2000 sal-aħħar tal-2001 bħala furnar impjegat. Fil-bidu tal-2002, huwa beda jaħdem bħala furnar għal rasu, minn fejn spiċċa f’Ottubru 2005 sabiex jerġa’ jimpjega ruħu f’dan is-settur sa Diċembru 2011.

11. Il-permess ta’ residenza ta’ S. Ucar ġie estiż fit-28 ta’ Novembru 2002 għal sentejn. Fid-29 ta’ Novembru 2004, reġa’ ġie estiż għal sentejn. Sabiex ta dawn iż-żewġ estensjonijiet, id-dipartiment tal-barranin żgura ruħu li l-mezzi tal-għixien ta’ S. Ucar kienu ggarantiti mid-dħul tar-raġel tagħha mill-attività professjonali tiegħu.

12. Fil-21 ta’ Novembru 2006, id-dipartiment tal-barranin ta lil S. Ucar permess ta’ residenza għall-iskop ta’ riunifikazzjoni tal-familja, wara li ħa inkunsiderazzjoni l-fatt li Ö. Ucar kien reġa’ sab impjieg. Dan il-permess ġie estiż diversi drabi, bl-aħħar darba fit-12 ta’ Diċembru 2013.

4 — Artikolu 55(1) tal-AufenthG.

5 — Artikolu 55(2) tal-AufenthG.

13. Fis-16 ta' Awwissu 2013, S. Ucar ressqet quddiem id-dipartiment tal-barranin talba għal permess ta' residenza, fuq il-bażi tal-Artikolu 4(5) tal-AufenthG, filwaqt li uriet l-eżistenza ta' dritt ta' residenza taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija billi argumentat li l-kundizzjonijiet tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 kienu ssodisfatti, meħud inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-fatt li żewġha kien jeżerċita attività bħala persuna impjegata b'mod mhux interrott sa minn Novembru 2005.

14. B'deċiżjoni tas-6 ta' Mejju 2014, id-dipartiment tal-barranin ċaħad it-talba u rrifjuta li jestendi għal darba oħra l-permess ta' residenza tagħha. Minn naħa, huwa kkunsidra li l-mezzi tal-għixien ta' S. Ucar ma kinux baqgħu żgurati. Min-naħa l-oħra, huwa qies ukoll li S. Ucar ma kinitx tgawdi minn dritt miksub taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, billi Ö. Ucar ma ssodisfax il-kundizzjoni li jagħmel parti mis-suq tax-xogħol legali matul it-tliet snin immedjatament konsekuttivi għall-wasla ta' martu fit-territorju Ġermaniż u għall-ħruġ tal-ewwel permess ta' residenza li kien ingħata lilha għall-għan tar-riunifikazzjoni tal-familja ma' żewġha. Il-fatt li Ö. Ucar kien jeżerċita impjieg mhux interrott mill-1 ta' Novembru 2005 sa Diċembru 2011 ma huwiex ta' natura li joħloq dritt fir-rigward ta' martu. Fl-aħħarnett, id-dipartiment tal-barranin ikkunsidra li estensjoni tal-permess ta' residenza ta' S. Ucar ma setax jiġi assimilat għal awtorizzazzjoni ta' riunifikazzjoni mal-impjegat, fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, billi fil-fehma tiegħu din l-awtorizzazzjoni kienet neċessarjament tapplika għall-ewwel permess maħruġ fil-mument tal-wasla fit-territorju ta' Stat Membru u mhux il-permessi suċċessivi.

15. Billi kkontestat dawn il-konklużjonijiet, S. Ucar ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tad-dipartiment tal-barranin tas-6 ta' Mejju 2014 quddiem il-qorti tar-rinviju.

16. Billi sabet ruħha f'diffikultà marbuta mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Verwaltungsgericht Berlin (qorti amministrattiva ta' Berlin) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u, permezz ta' deċiżjoni li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Settembru 2015, li tadixxi lil din il-Qorti, fil-kawża C-508/15, bid-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-ewwel inċiż tal-[ewwel paragrafu tal-Artikolu 7] tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, tad-19 ta' Settembru 1980, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni huma ssodisfatti wkoll jekk, qabel il-perijodu li fih il-membru tal-familja jkun irrisjeda tliet snin b'mod legali għand il-ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol, kien hemm perijodu li fih il-ħaddiem oriġinarjament ammess kien telaq is-suq regolari tax-xogħol tal-Istat Membru wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-membru tal-familja li jingħaqad miegħu taħt din id-dispożizzjoni?

2. L-ewwel [paragrafu tal-Artikolu 7] tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-estensjoni ta' permess ta' residenza għandha titqies li tikkostitwixxi l-awtorizzazzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni li persuna tingħaqad ma' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol meta l-membru tal-familja kkonċernat ikun ilu jgħix mal-ħaddiem Tork mingħajr interruzzjoni minn meta jkun ġie awtorizzat jingħaqad mal-imsemmi ħaddiem Tork fis-sens ta' din id-dispożizzjoni iżda meta dan tal-aħħar, wara li jkun telaq is-suq regolari tax-xogħol tal-Istat Membru fil-frattemp, ikun jagħmel parti minnu mill-ġdid biss mid-data tal-estensjoni tal-permess?"

B – *Il-kawża C-509/15*

17. Recep Kilic twieled fl-1993 fit-Turkija, waqt vaganzi tal-ġenituri tiegħu, residenti Ġermaniżi, fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom. R. Kilic daħal fil-Ġermanja fis-16 ta' April 1994. Dak iż-żmien l-ebda wieħed mill-ġenituri tiegħu ma kien jeżerċita xi attività professjonali.

18. F'Mejju 1996, il-ġenituri tiegħu ddivorzjaw u R. Kilic baqa' taħt il-kura esklużiva ta' ommu, li bdiet teżerċita attività bħala persuna impjegata fit-30 ta' Ġunju 1998, u baqgħet iżżomm dik l-attività b'mod kważi mhux interrott sa April 2003, id-data li fiha hija tqiegħdet fuq leave tal-maternità u sussegwentement leave tal-ġenituri.

19. Fil-5 ta' Mejju 1997, meta l-obbligu ta' żamma ta' permess ta' residenza kien għadu kif ġie introdott fid-dritt Ġermaniż, lil R. Kilic inħariġlu dan il-permess, validu għal sentejn. Fl-1999, fid-dawl tal-produzzjoni ta' ċertifikat ta' impjieg mill-persuna li timpjega lil omm R. Kilic u minkejja l-fatt li hija kienet tirċievi l-għajnuna soċjali, il-permess ta' residenza ta' R. Kilic ġie estiż b'sena. Dan imbagħad baqa' jiġi estiż diversi drabi sal-10 ta' Novembru 2011, meta R. Kilic baqa' jgawdi biss minn ċertifikati provviżorji.

20. F'sitwazzjoni fejn ma kellux skola, R. Kilic kien is-suġġett ta' diversi proċeduri kriminali u kundanni għal piena li ċċaħħad il-libertà, li fosthom l-aħħar waħda kienet ingħatat fil-11 ta' Ġunju 2013, meta huwa ġie kkundannat, minħabba atti kriminali minn minuri, għal tliet snin u tliet xhur priġunerija minħabba traffikar ta' drogi fi grupp organizzat. Huwa nħeles mill-ħabs fis-27 ta' Mejju 2015.

21. Fl-24 ta' Lulju 2014, id-dipartiment tal-barranin ċaħad it-talba tiegħu għal estensjoni tal-permess ta' residenza u ordna t-tkeċċija tiegħu fuq il-bażi tal-punti 1 u 2 tal-Artikolu 53, u l-Artikolu 55 tal-AufenthG. Minn naħa, huwa kkunsidra li R. Kilic ma seta' jibbenefika minn ebda dritt ibbażat fuq il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija jew fuq l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 minħabba l-fatt li l-ġenituri tiegħu ma ssodisfawx il-kundizzjoni li jiffurmaw parti mis-suq tax-xogħol legali għal żmien mhux interrott ta' tliet snin mid-dħul legali ta' R. Kilic fit-territorju Ġermaniż. Min-naħa l-oħra, huwa qies li fid-dawl tan-numru ripetut ta' ksur gravi diġà mwettqa, tar-riskju ta' reċidiva u tal-perikolu għas-sigurtà u l-ordni pubbliku li huwa kien jirrappreżenta, R. Kilic kellu jitkeċċa lejn it-Turkija. Dan l-ibbilanċjar tal-interessi wasslu sabiex jikkonkludi li r-rabtiet personali mill-viċin li R. Kilic għandu mat-territorju Ġermaniż kellhom, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jiġu relegati għat-tieni diviżjoni.

22. Fl-1 ta' Settembru 2014, R. Kilic ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. Huwa sostna li kellu jiġi rrikonoxxut lilu dritt ta' residenza taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, għaliex ommu kienet eżerċitat attività bħala persuna impjegata għal żmien mhux interrott ta' kważi ħames snin. Hekk ukoll, huwa argumenta li seta' jibbenefika mill-protezzjoni partikolari kontra t-tneħħija offruta liċ-ċittadini Torok mill-Artikolu 14 ta' din l-istess deċiżjoni.

23. B'deċiżjoni separata li waslet fl-istess jum fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Verwaltungsgericht Berlin (qorti amministrattiva ta' Berlin) ressqet, fil-kuntest tal-Kawża C-509/15, domanda unika lill-Qorti tal-Ġustizzja, ifformulata kif ġej:

"Jista' wieħed jara awtorizzazzjoni għar-riunifikazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, f'estensjoni tal-permess ta' residenza tal-membru tal-familja awtorizzat jingħaqad mal-persuna oriġinarjament ammessa li ma kinitx tagħmel parti mis-suq tax-xogħol, li sseħħ f'mument li fih il-persuna oriġinarjament ammessa, li għandha l-membru tal-familja għandu r-residenza regolari tiegħu, saret ħaddiem?"

C – *Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja*

24. B'deċiżjoni tas-27 ta' Ottubru 2015, il-Kawżi C-508/15 u C-509/15 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub, orali u tas-sentenza.

25. Ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub biss S. Ucar, id-dipartiment tal-barranin kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea.

III – Analiżi ġuridiku

A – *Kummenti introduttivi*

26. Sabiex infakkar, id-Deċiżjoni Nru 1/80 tipprovdi li ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru għandu d-dritt għat-tiġdid tal-permess tax-xogħol tiegħu, wara sena ta' xogħol legali, jekk huwa jkollu xogħol mal-istess persuna li timpjega. Wara tliet snin ta' xogħol, huwa għandu d-dritt li jwieġeb għal offerti ta' xogħol, fl-istess professjoni, mingħand persuni li jimpjegaw oħra. Wara erba' snin ta' xogħol legali, dak il-ħaddiem igawdi minn aċċess liberu għal kull attività bħala persuna impjegata f'dak l-Istat Membru. F'dak li jikkonċerna d-drittijiet akkwistati taħt l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, huwa ppreċiżat ukoll li "l-leave annwali u l-assenzi minħabba maternità, inċident fuq ix-xogħol jew mard għal żmien qasir għandhom ikunu assimilati għall-perijodi ta' xogħol legali"[6][traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fir-rigward tal-perijodi ta' qagħad involontarju u għall-assenzi minħabba mard għal żmien twil, "mingħajr ma jkunu assimiliati għal perijodi ta' xogħol legali, [huma] ma għandhomx jippreġudikaw id-drittijiet akkwistati bis-saħħa tal-perijodu ta' xogħol preċedenti"[7][traduzzjoni mhux uffiċjali].

27. Fl-istess waqt li d-drittijiet ta' aċċess għas-suq tal-ħaddiem Tork li jkun daħal legalment fit-territorju ta' Stat Membru jikkonsolidaw ruħhom, din il-konsolidazzjoni jkollha r-riżultat li tiffavorixxi s-sitwazzjoni tal-membri tal-familja ta' dak il-ħaddiem. Jekk huma jkunu ġew awtorizzati sabiex jingħaqdu ma' dak il-ħaddiem fuq it-territorju tal-istess Stat Membru ospitanti, il-membri tal-familja tiegħu jakkwistaw id-dritt li jwieġbu għal kull offerta ta' xogħol meta huma jirrisjedu hemmhekk legalment għal mhux inqas minn tliet snin. Wara ħames snin ta' residenza legali, il-membri tal-familja għandhom igawdu, hemmhekk, minn aċċess liberu għal kull attività bħala persuna impjegata. F'dan ir-rigward huwa rrilevanti jekk dawn il-membri jkunux urew, jew le, l-intenzjoni li jeżerċitaw attività bħala persuna effettivament impjegata[8].

28. F'dak li jikkonċerna l-kwistjoni tal-aċċess tal-ħaddiem Tork u tal-membri tal-familja tiegħu għas-suq tax-xogħol ta' Stat Membru, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dritt ta' residenza għandu neċessarjament jiġi rrikonoxxut bħala aċċessorju għall-aċċess għal dak is-suq. Sabiex persuna tkun tista' twieġeb effettivament għal offerta ta' xogħol jew tgawdi mil-libertà li taċċedi għal kull attività bħala persuna impjegata huwa meħtieġ, ovvjament, li hija tkun tista' tirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru fejn titwettaq l-attività inkwistjoni jew fejn issir l-offerta[9].

6 — Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

7 — Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

8 — Fil-fatt jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li dritt ta' residenza jista' jiġi mitlub b'rabta ma' attività bħala persuna impjegata, anki futura: ara, fir-rigward tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, is-sentenza tal-10 ta' Frar 2000, Nazli (C-340/97, EU:C:2000:77, punt 37). Fuq kollox, b'differenza mill-ħaddiema Torok li għalihom huwa applikabbli dan l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, l-istatus tal-membri tal-familja msemmija fl-Artikolu 7 ta' dik id-deċiżjoni ma jiddependix fuq l-eżerċizzju ta' attività bħala persuna impjegata: ara s-sentenzi tas-7 ta' Lulju 2005, Aydinli (C-373/03, EU:C:2005:434, punt 29), tat-18 ta' Lulju 2007, Derin (C-325/05, EU:C:2007:442, punt 56) kif ukoll dik tal-25 ta' Settembru 2008, Er (C-453/07, EU:C:2008:524, punt 31). L-argument invokat mid-dipartiment tal-barranin dwar l-assenza ta' volontà ta' S. Ucar li teżerċita xi attività professjonali jidher, f'dawn il-kundizzjonijiet, ineffettiv. Kien ikun l-istess kieku dan ġie invokat kontra R. Kilic [ara s-sentenza tal-25 ta' Settembru 2008, Er (C-453/07, EU:C:2008:524), punt 34].

9 — Ara, fir-rigward tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 u fost ġurisprudenza abbundanti, is-sentenzi tal-20 ta' Settembru 1990, Sevince (C-192/89, EU:C:1990:322, punt 26), tad-29 ta' Mejju 1997, Eker (C-386/95, EU:C:1997:257, punt 19), tat-30 ta' Settembru 1997, Ertanir (C-98/96, EU:C:1997:446, punt 26), tas-7 ta' Lulju 2005, Dogan (C-383/03, EU:C:2005:436, punt 14) kif ukoll tal-10 ta' Jannar 2006, Sedef (C-230/03, EU:C:2006:5, punti 33 u 34).
Ara, fir-rigward tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 u wkoll fost ġurisprudenza abbundanti, is-sentenzi tas-17 ta' April 1997, Kadiman (C-351/95, EU:C:1997:205, punt 29), tas-16 ta' Marzu 2000, Ergat (C-329/97, EU:C:2000:133, punt 40), tat-22 ta' Ġunju 2000, Eyüp (C-65/98, EU:C:2000:336, punt 29), tal-11 ta' Novembru 2004, Cetinkaya (C-467/02, EU:C:2004:708, punt 31), tas-7 ta' Lulju 2005, Aydinli (C-373/03, EU:C:2005:434, punt 25), is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Derin (C-325/05, EU:C:2007:442, punti 40 u 47), tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun (C-337/07, EU:C:2008:744, punt 21) kif ukoll tad-19 ta' Lulju 2012, Dülger (C-451/11, EU:C:2012:504, punt 28).

29. Issa, hija proprju l-kwistjoni ta' residenza ta' S. Ucar u ta' R. Kilic li hija involuta f'dawn ir-rinviji għal deċiżjoni preliminari. Jekk huma akkwistaw dritt li jaċċedu għas-suq tax-xogħol fil-Ġermanja fuq il-bażi tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, isegwi li d-dipartiment tal-barranin għandu jirrikonoxxilhom dritt ta' residenza mhux ibbażat biss fuq id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali imma fuq dik id-deċiżjoni. Id-diffikultà tinħoloq mill-fatt li l-ħaddiem Tork li huma ngħaqdu miegħu ma kellux jew ma kienx żamm il-kwalità ta' ħaddiem li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol fit-tliet snin immedjatament wara li huma waslu l-Ġermanja. Skont l-interpretazzjoni adottata mill-awtoritajiet Ġermaniżi tad-Deċiżjoni Nru 1/80 u tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, S. Ucar setgħet takkwista drittijiet taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 biss li kieku żewġha kien eżerċita attività bħala persuna impjegata legali u kontinwa minn Novembru 2001 – id-data tad-dħul ta' S. Ucar fil-Ġermanja – sa Novembru 2001. Bl-istess mod, R. Kilic kien jakkwista dawn id-drittijiet biss kieku ommu kienet eżerċitat tali attività minn April 1994 – id-data tal-wasla fit-territorju Ġermaniż ta' R. Kilic – sa April 1997. Dan huwa l-mertu tal-ewwel domanda li saret lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-508/15 [10].

30. Barra minn hekk, fl-ipoteżi li l-interpretazzjoni adottata mid-dipartiment tal-barranin tkun ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja u li d-drittijiet misluta mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, jistgħu jinħolqu biss jekk il-ħaddiem Tork, li miegħu jingħaqad fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti membru tal-familja tiegħu, ikun, sa mid-data tal-wasla ta' dak il-membru u għaż-żmien kollu neċessarju għall-ħolqien ta' dawk id-drittijiet, jifforma parti mis-suq regolari tax-xogħol, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk huwiex possibbli li d-deċiżjoni ta' estensjoni tal-permess ta' residenza mogħti lil dak il-membru tiġi assimilata għad-deċiżjoni inizjali ta' awtorizzazzjoni ta' riunifikazzjoni tal-familja, b'mod li l-perijodu li matulu l-ħaddiem Tork għandu jifforma parti mis-suq regolari tax-xogħol jista' wkoll jibda jiddekorri utilment mid-data tad-deċiżjoni ta' estensjoni, u mhux biss mid-data tal-ewwel wasla tal-membru tal-familja fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti. Dan huwa s-suġġett tat-tieni domanda li saret fil-kuntest tal-Kawża C-508/15 u tad-domanda unika tal-Kawża C-509/15. Madankollu, meħuda inkunsiderazzjoni r-risposta li jiena ser nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti għall-ewwel domanda tal-Kawża C-508/15, sejjer nindirizza din il-kwistjoni biss b'mod sussidjarju.

B – *Fuq l-ewwel domanda preliminari li saret fil-Kawża C-508/15*

31. Bl-ewwel domanda li saret fil-Kawża C-508/15, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandux jiġi interpretat fis-sens li dik id-dispożizzjoni tagħti dritt ta' residenza lill-membru tal-familja ta' ħaddiem Tork stabbilit fil-Ġermanja meta dak il-ħaddiem ikun jifforma parti mis-suq regolari tax-xogħol għal perijodu mhux interrott ta' tliet snin u li, matul dak il-perijodu, il-membru tal-familja għex ma' dak il-ħaddiem, mingħajr ma ċ-ċirkustanza li dak il-perijodu ma jkunx seħħ immedjatament wara l-wasla tal-membru tal-familja kkonċernat fuq it-territorju Ġermaniż topponi għal dan.

32. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, huwa neċessarju li jsir riferiment għal mument għall-kunsiderazzjonijiet ġenerali stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 qabel ma nikkonċentra, b'mod partikolari, fuq il-kunċett ta' appartenenza għas-suq regolari tax-xogħol.

10 — Jiena konvint li l-kwistjoni hija wkoll rilevanti għall-Kawża C-509/15 u għas-sitwazzjoni ta' R. Kilic. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tar-rekwiżit tal-awtoritajiet nazzjonali li l-ħaddiem Tork li jingħaqad miegħu fit-territorju tal-Istat ospitanti membru tal-familja jeħtieġ li jkollu l-kwalità ta' ħaddiem li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol għal mhux inqas minn tliet snin immedjatament wara l-wasla ta' dak il-membru fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' S. Ucar biss. Madankollu jirriżulta mill-fajl sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-509/15 li l-estensjoni tal-permess ta' residenza ta' R. Kilic ġie rrifjutat b'mod partikolari minħabba l-fatt li, skont id-dipartiment tal-barranin, huwa ma seta' jinvoka ebda dritt ibbażat fuq l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għaliex ommu ma kinitx issodisfat dan ir-rekwiżit. Għalhekk hemm lok li, fit-trattament tal-ewwel domanda li saret fil-Kawża C-508/15, il-kunsiderazzjonijiet jiġu estiżi għas-sitwazzjoni ta' R. Kilic.

1. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

33. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu effett dirett b'mod li ċ-ċittadini Torok li għalihom hija applikabbli dik id-dispożizzjoni għandhom id-dritt li jinvokawha direttament quddiem il-qrati tal-Istati Membri sabiex jevitaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li jmorru kontra tagħha [11]. Barra minn hekk, dan l-artikolu jifforma parti mid-dispożizzjonijiet soċjali tad-Deċiżjoni Nru 1/80, li tikkostitwixxi pass ieħor lejn it-twettiq tal-moviment liberu tal-ħaddiema ispirat mill-Artikoli 45 sa 47 TFUE, b'mod li l-prinċipji ammessi fil-kuntest ta' dawn tal-aħħar għandhom jiġu trasposti, sa fejn possibbli, għaċ-ċittadini Torok li jgawdu mid-drittijiet rikonoxxuti minn dik id-deċiżjoni [12].

34. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jimplementa "sistema ta' kisba gradwali ta' drittijiet" li għandha għan doppju [13]. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ikkunsidrat li "[f]l-ewwel lok, qabel l-iskadenza tat-terminu *inizjali* ta' tliet snin, l-imsemmija dispożizzjoni hija intiża sabiex tippermetti l-preżenza ta' membri tal-familja tal-ħaddiem immigrant għand dan tal-aħħar, sabiex b'hekk tiffavorixxi, permezz ta' riunifikazzjoni tal-familja, l-impjieg u r-residenza tal-ħaddiem Tork diġà regolarment integrat fl-Istat Membru ospitanti […]. Fit-tieni lok, l-istess dispożizzjoni għandha l-għan li ssaħħaħ id-dħul fit-tul tal-familja tal-ħaddiem immigrant Tork fl-Istat Membru ospitanti, billi wara tliet snin ta' residenza regolari, il-membru tal-familja kkonċernat jingħata l-possibbiltà li huwa stess ikun jista' jaċċedi għas-suq tax-xogħol. L-għan essenzjali hekk imfittex huwa li jikkonsolida l-pożizzjoni tal-imsemmi membru tal-familja li, f'dan l-istadju, ikun diġà integrat legalment fl-Istat Membru ospitanti, billi jingħata l-mezzi sabiex jaqla' l-għajxien tiegħu fl-Istat inkwistjoni u, b'dan il-mod, ikun awtonomu mill-ħaddiem immigrant" [14]. Konsegwentement, interpretata fid-dawl tal-għan ġenerali mfittex mid-Deċiżjoni Nru 1/80, "is-sistema implementata b'mod iktar partikolari mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tal-istess deċiżjoni, għandha għalhekk l-għan li toħloq kundizzjonijiet favorevoli għar-riunifikazzjoni tal-familja fl-Istat Membru ospitanti" [15].

35. Rigward il-marġni ta' azzjoni mħolli lill-Istati Membri, għalkemm hija ġurisprudenza stabbilita li filwaqt li dawn jibqgħu kompetenti sabiex jirregolaw il-kundizzjonijiet tal-ewwel wasla, fit-territorju tagħhom, taċ-ċittadini Torok kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom dawn jistgħu, għall-ewwel darba, jaċċedu għas-suq tax-xogħol [16], bil-kuntrarju, meta dawk iċ-ċittadini jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti f'waħda mid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/80 u jgawdu, minħabba f'hekk, mid-drittijiet mogħtija lilhom permezz tagħha, dawn l-istess Stati Membri ma humiex awtorizzati li jipprovdu liġijiet ta' natura differenti minn dawk riżultanti mid-Deċiżjoni Nru 1/80 jew jimponu kundizzjonijiet oħra li mhumiex dawk previsti minn din tal-aħħar [17]. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma jistgħux jimmodifikaw unilateralment il-portata tas-sistema ta' integrazzjoni gradwali taċ-ċittadini Torok fl-Istat Membru ospitanti [18].

11 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2000, Eyüp (C-65/98, EU:C:2000:336, punt 25), tat-18 ta' Lulju 2007, Derin (C-325/05, EU:C:2007:442, punt 47), tal-25 ta' Settembru 2008, Er (C-453/07, EU:C:2008:524, punt 25), tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun (C-337/07, EU:C:2008:744, punt 20), tat-8 ta' Diċembru 2011, Ziebell (C-371/08, EU:C:2011:809, punt 48) kif ukoll tad-29 ta' Marzu 2012, Kahveci (C-7/10 u C-9/10, EU:C:2012:180, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

12 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' April 1997, Kadiman (C-351/95, EU:C:1997:205, punt 30), tal-10 ta' Jannar 2006, Sedef (C-230/03, EU:C:2006:5, punt 33) kif ukoll tad-19 ta' Lulju 2012, Dülger (C-451/11, EU:C:2012:504, punt 48).

13 — Ara s-sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Kahveci (C-7/10 u C-9/10, EU:C:2012:180, punt 31).

14 — Sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Kahveci (C-7/10 u C-9/10, EU:C:2012:180, punti 32 u 33 u l-ġurisprudenza ċċitata). Korsiv miżjud minni. Iktar tard fl-analiżi tiegħi sejjer nirritorna fuq l-importanza li għandha, jew ma għandhiex, tingħata lill-użu, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tal-aġġettiv "inizjali".

15 — Sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Kahveci (C-7/10 u C-9/10, EU:C:2012:180, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 — Ara, fost ġurisprudenza abbundanti, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1992, Kus (C-237/91, EU:C:1992:527, punt 25), tal-5 ta' Ottubru 1994, Eroglu (C-355/93, EU:C:1994:369, punt 10), tas-17 ta' April 1997, Kadiman (C-351/95, EU:C:1997:205, punt 31), tal-10 ta' Frar 2000, Nazli (C-340/97, EU:C:2000:77, punt 29) u tad-29 ta' Settembru 2011, Unal (C-187/10, EU:C:2011:623, punt 41).

17 — Ara s-sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2011, Pehlivan (C-484/07, EU:C:2011:395, punt 56) u tad-29 ta' Marzu 2012, Kahveci (C-7/10 u C-9/10, EU:C:2012:180, punt 36). Ara wkoll is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun (C-337/07, EU:C:2008:744, punt 61).

18 — Ara s-sentenzi tal-16 ta' Ġunju 2011, Pehlivan (C-484/07, EU:C:2011:395, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tad-29 ta' Marzu 2012, Kahveci (C-7/10 u C-9/10, EU:C:2012:180, punt 37).

36. Għaldaqstant għandu jiġi stabbilit jekk meta, għall-finijiet ta' rikonoxximent tad-drittijiet ibbażati fuq l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, jirrikjedu li l-ħaddiem Tork li miegħu jingħaqad, fit-territorju ta' Stat Membru, membru tal-familja tiegħu, ikun jifforma, b'effett mid-data tal-wasla ta' dak il-membru, parti mis-suq regolari tax-xogħol għaż-żmien kollu neċessarju sabiex jakkwista d-drittijiet previsti minn dik id-dispożizzjoni, mingħajr ma jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni l-perijodi li fihom huwa kien jifforma parti minn dak is-suq, għal żmien ekwivalenti, imma mwettqa wara dik id-data, l-awtoritajiet Ġermaniżi għaddewx għal emenda unilaterali tas-sistema li għadni kif semmejt.

2. Appartenenza għas-suq regolari tax-xogħol u kundizzjonijiet ta' akkwist tad-drittijiet previsti bl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80

37. F'liema kundizzjonijiet konkreti jista' membru tal-familja ta' ħaddiem Tork jakkwista drittijiet taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80? Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrispondiet parzjalment għal din id-domanda, madankollu hija għadha qatt ma ħadet pożizzjoni ċara fuq il-kronoloġija li fiha għandhom jiġu ssodisfatti dawk il-kundizzjonijiet

38. Qabel ma niddedika ruħi għall-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' dawn il-kundizzjonijiet, ninnota li t-test innifsu tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 ma jipprovdi xejn paragunabbli, *expressis verbis*, għal dak rikjest mill-awtoritajiet Ġermaniżi. Il-qari ta' dan l-artikolu fil-fatt juri sempliċement l-idea li l-membru tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru, awtorizzat sabiex jingħaqad miegħu, għandu d-dritt, fil-prinċipju, li jwieġeb għal kull offerta ta' xogħol meta huwa jirrisjedi b'mod legali għal iktar minn tliet snin f'dak l-Istat (l-ewwel inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80) u li hemmhekk jibbenefika minn aċċess liberu għal kull attività bħala persuna impjegata tal-għażla tiegħu jekk ikun irrisjeda għal mhux inqas minn ħames snin (it-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80).

39. Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 fis-sens li "il-kisba tad-drittijiet previsti minn din id-dispożizzjoni hija suġġetta għal żewġ kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri, minn naħa, il-fatt li l-persuna kkonċernata għandha tkun membru tal-familja ta' ħaddiem Tork li diġà jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti u, min-naħa l-oħra, il-fatt li hija ġiet awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat sabiex tingħaqad mal-imsemmi ħaddiem. Sakemm l-imsemmija kundizzjonijiet huma sodisfatti, għandu mbagħad jiġi vverifikat, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, jekk iċ-ċittadin Tork ikkonċernat kienx jirrisjedi b'mod legali għal ċertu perijodu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti mal-ħaddiem Tork li fuqu jibbaża d-drittijiet tiegħu" [19].

40. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment, indistintament, għall-"perijodu inizjali" [20] ta' tliet snin, għall-"perijodu" [21] ta' tliet snin, għal "ċertu perijodu" [22] jew anki għall-"perijodu ta' tliet snin sa mill-bidu tad-dħul tal-membru tal-familja kkonċernata fit-territorju tal-Istat Membru li jospita" [23]. Ma jidhirlix li dawn l-elementi huma determinanti. Minn naħa, ir-riferiment għall-perijodu "inizjali" għandu sempliċement l-għan li jiddistingwih mill-perijodu suċċessiv ta' sentejn supplementari

19 — Sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Kahveci (C-7/10 u C-9/10, EU:C:2012:180, punti 26 u 27 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fis-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Dülger (C-451/11, EU:C:2012:504, punt 29), il-Qorti tal-Ġustizzja finalment poġġiet tliet kundizzjonijiet.

20 — Ara s-sentenzi tas-17 ta' April 1997, Kadiman (C-351/95, EU:C:1997:205, punti 32 u 33), tal-21 ta' Jannar 2010, Bekleyen (C-462/08, EU:C:2010:30, punt 36), tas-16 ta' Ġunju 2011, Pehlivan (C-484/07, EU:C:2011:395, punti 45, 51 u 55), tad-29 ta' Marzu 2012, Kahveci (C-7/10 u C-9/10, EU:C:2012:180, punt 32) kif ukoll tad-19 ta' Lulju 2012, Dülger (C-451/11, EU:C:2012:504, punt 39).

21 — Ara s-sentenzi tal-11 ta' Novembru 2004, Cetinkaya (C-467/02, EU:C:2004:708, punt 30), tas-7 ta' Lulju 2005, Aydinli (C-373/03, EU:C:2005:434, punti 24 u 29), tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun (C-337/07, EU:C:2008:744, punti 19, 30 u 58) kif ukoll tas-16 ta' Ġunju 2011, Pehlivan (C-484/07, EU:C:2011:395, punti 36, 38, 60, 61 u 64).

22 — Ara s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2010, Bekleyen (C-462/08, EU:C:2010:30, punt 26).

23 — Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2011, Pehlivan (C-484/07, EU:C:2011:395, punt 52). Madankollu għandu jsir paragun mal-punt 60 ta' din is-sentenza fejn il-Qorti tal-Ġustizzja abbandunat din il-preċiżazzjoni inutili fid-dawl tal-fatti tal-kawża.

li jagħtu dritt, skont it-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, għall-aċċess liberu għal kull attività bħala persuna impjegata għall-membru tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru. Min-naħa l-oħra, il-preċiżazzjoni li tinsab fis-sentenza Pehlivan [24] hija iżolata għalkollox u saret f'kawża li fil-kuntest tagħha ma kien hemm l-ebda problema ta' ordni kronoloġiku, bħal dik li qegħdin niffaċċjaw illum [25].

41. F'dak li jikkonċerna kemm lil S. Ucar kif ukoll lil R. Kilic, huwa paċifiku li dawn tal-aħħar jissodisfaw il-kundizzjonijiet tradizzjonalment applikati mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi rrikonoxxut lilhom il-benefiċċju tad-drittijiet stabbiliti bl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80. It-tnejn li huma huma membri tal-familja ta' ħaddiem Tork u ġew regolarment awtorizzati sabiex jingħaqdu mal-ħaddiem Tork ikkonċernat fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti. Huwa paċifiku wkoll li t-tnejn kienu jissodisfaw ir-rekwiżit ta' għixien effettiv f'komunità domestika [26].

42. Il-ġurisprudenza tirrikjedi, fl-aħħar nett, li l-ħaddiem Tork li miegħu jingħaqdu membri oħra tal-familja jkun jifforma parti mis-suq regolari tax-xogħol tal-Istat Membru li fih jirrisjedi "matul il-perijodu meħtieġ sabiex il-membru tal-familja jikseb id-dritt ta' aċċess għas-suq tax-xogħol" [27] ta' dak l-Istat Membru. L-appartenenza għas-suq regolari tax-xogħol huwa kunċett distint mill-eżerċizzju ta' impjieg legali li jissemma fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 [28]. Issa, fir-rigward ta' din l-appartenenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "dan il-kunċett ikopri l-ħaddiema kollha li kkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet legali u regolamentari tal-Istat Membru ospitanti u għalhekk għandhom id-dritt li jeżerċitaw attività professjonali fit-territorju tiegħu" [29]. Interruzzjoni temporanja tar-relazzjoni tax-xogħol ma hijiex neċessarjament ta' natura li twassal sabiex il-ħaddiem Tork jieqaf milli jifforma parti mis-suq regolari tax-xogħol tal-inqas matul il-perijodu li huwa raġonevolment neċessarju għalih sabiex isib impjieg ieħor u sakemm dik l-assenza jkollha natura provviżorja [30]. Finalment, "[ħ]addiem Tork huwa eskluż mis-suq regolari tax-xogħol biss meta oġġettivament huwa ma jifdallu l-ebda opportunità li jerġa' jintegra ruħu fis-suq tax-xogħol jew meta jkun skada żmien raġonevoli li fih seta' jsib impjieg ieħor wara perijodu ta' inattività temporanja" [31].

43. Barra minn hekk, u kif irrilevat il-Kummissjoni, l-akkwist tad-drittijiet taħt l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 huwa ammess anki jekk l-appartenenza għas-suq regolari tax-xogħol li dak l-artikolu jirrikjedi mhijiex effettiva mal-wasla taċ-ċittadin Tork ikkonċernat – li jista' anki, f'dak il-mument, ikun għad m'għandux in-natura ta' ħaddiem – fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti [32]. Issa, meħud inkunsiderazzjoni l-għan imfittex mill-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, ma jkunx jagħmel sens li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tiegħu, tiġi applikata dixxiplina li ma hemmx lokha fl-applikazzjoni tal-Artikolu 6 ta' dik id-deċiżjoni.

24 — Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2011 (C-484/07, EU:C:2011:395, punt 52).

25 — B'analoġija, ara l-punt 24 tal-konklużjonijiet li l-Avukat Ġenerali Bot ippreżenta fil-kawża Dülger (C-451/11, EU:C:2012:331).

26 — Ara s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun (C-337/07, EU:C:2008:744, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 — Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun (C-337/07, EU:C:2008:744, punt 32).

28 — Ara s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun (C-337/07, EU:C:2008:744, punt 22).

29 — Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun (C-337/07, EU:C:2008:744, punt 23).

30 — Ara s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun (C-337/07, EU:C:2008:744, punt 24 u ġurisprudenza ċċitata).

31 — Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun (C-337/07, EU:C:2008:744, punt 25). Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li dawn il-kunsiderazzjonijiet, li hija stabbilixxiet fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 setgħu jittieħdu wkoll għall-interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 ta' din l-istess deċiżjoni [ara s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun (C-337/07, EU:C:2008:744, punti 27 u 28)]. Barra minn hekk, tista' ssir mistoqsija dwar ir-rilevanza tat-tagħlim meħud mill-ġurisprudenza għas-sitwazzjoni ta' S. Ucar. Fil-fatt, minkejja li huwa ċar li Ö. Ucar ma eżerċitax attività bħala persuna impjegata fit-tliet snin wara l-wasla ta' martu fit-territorju Ġermaniż (jiġifieri minn Novembru 2001 sa Novembru 2004), madankollu matul dak il-perijodu huwa eżerċita attività indipendenti, milli jidher b'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod li huwa kien b'mod kontinwu jifforma parti mis-suq regolari tax-xogħol fis-sens nazzjonali tal-frażi.

32 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2008, Payir *et* (C-294/06, EU:C:2008:36, punt 45).

44. Fir-rigward ta' dan l-għan, ma nistax naqbel mal-argument tad-dipartiment tal-barranin li ma jifdalx konsistenza bejn l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 u l-għan li huwa jfittex jekk dan jiġi interpretat fis-sens li drittijiet jistgħu jiġu kkostitwiti fuq il-bażi tiegħu anki meta l-perijodu ta' appartenenza għas-suq regolari tax-xogħol ma jitwettaqx immedjatament wara l-wasla tal-membru tal-familja għaliex, f'dan il-każ, ma jifdalx lok li tiġi promossa r-riunifikazzjoni tal-familja. Fil-fatt jiena tal-fehma li sabiex jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għar-riunifikazzjoni tal-familja, l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 ma għandux jiġi interpretat b'mod ristrett iżżejjed. Il-fatt li l-ħaddiem Tork ikkonċernat iwettaq kompletament il-perijodu ta' appartenenza tiegħu għas-suq regolari tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti biss wara l-wasla tal-membru tal-familja li ngħaqad miegħu ma jirrendix inqas rilevanti l-idea li l-impjieg u r-residenza tal-ħaddiem Tork diġà integrat legalment isiru iktar supportabbli jekk huwa jkun f'qagħda li jifforma b'mod permanenti, f'dak l-Istat Membru, iċ-ċellola familjari tiegħu.

45. Għaldaqstant, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li billi jirrikjedu mill-ħaddiema Torok, sabiex jiġu rrikonoxxuti lill-membri tal-familja tagħhom id-drittijiet stabbiliti bl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, li huma jifformaw parti mis-suq regolari tax-xogħol, għall-perijodu neċessarju għall-ħolqien ta' dawk id-drittijiet, sa mill-mument tal-wasla ta' dawk il-membri, mingħajr ma jkun jista' jittieħed inkunsiderazzjoni t-twettiq sussegwenti ta' perijodi ekwivalenti ta' appartenenza għas-suq regolari tax-xogħol, l-awtoritajiet Ġermaniżi imponew kundizzjoni li mhijiex prevista mid-Deċiżjoni Nru 1/80.

46. Għaldaqstant, ikkonfortat f'din il-konvinzjoni tiegħi mill-fatt li – infakkar – id-Deċiżjoni Nru 1/80 ma tinkludix dispożizzjonijiet espressi kuntrarji, jiena nxaqleb sabiex nikkunsidra, b'saħħa kbira, li S. Ucar, li effettivament għexet ma' żewġha għal tul ta' kważi 14-il sena, akkwistat drittijiet taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 mill-mument li fih Ö. Ucar, li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol, eżerċita attività mhux interrotta ta' tliet snin imwettqa f'konformità sħiħa mad-dettami tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Għalhekk, b'effett minn Novembru 2008, S. Ucar tibbenefika mid-drittijiet ibbażati fuq l-ewwel inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 u, b'effett minn Novembru 2010, mid-drittijiet ibbażati fuq it-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 ta' dik id-deċiżjoni. Fir-rigward ta' R. Kilic, huwa akkwista dritt taħt l-ewwel inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 b'effett mill-mument li fih ommu saret tifforma parti mis-suq regolari tax-xogħol għal tul ta' żmien suffiċjenti sabiex jitnissel dan id-dritt, jiġifieri minn Ġunju 2001 [33].

47. L-awtoritajiet Ġermaniżi jikkunsidraw li tali interpretazzjoni twessa' b'mod kunsiderevoli l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Riskju simili, inkors għal raġunijiet differenti, kien diġà ġie invokat fil-kuntest tas-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Dülger [34]. Il-Qorti tal-Ġustizzja dakinhar kienet fakkret li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 "jissuġġetta espressament ir-riunifikazzjoni tal-familja għall-awtorizzazzjoni li l-membru tal-familja jingħaqad mal-ħaddiem immigrant Tork, mogħtija skont il-kundizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ospitanti […] Din il-kundizzjoni […] tispjega ruħha mill-fatt li, fil-kuntest tal-Assoċjazzjoni KEE-Turkija ir-riunifikazzjoni tal-familja ma tikkostitwixxix dritt għall-membri tal-familja tal-ħaddiem immigrant Tork, iżda tiddependi, għall-kuntrarju, minn deċiżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali meħuda biss skont id-dritt tal-Istat Membru kkonċernat, bla ħsara

33 — Ma jidhirx li R. Kilic jista' jibbenefika mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 li jirregola speċifikament is-sitwazzjoni ta' ulied il-ħaddiema Torok li jiffurmaw parti mis-suq regolari tax-xogħol. Madankollu, huwa paċifiku li dawn l-ulied jistgħu wkoll jibbenefikaw mid-drittijiet fil-qasam tal-impjieg rikonoxxuti mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 [ara s-sentenza tad-19 ta' Novembru 1998, Akman (C-210/97, EU:C:1998:555, punt 34)]. R. Kilic ma jidhirx li jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jiġi rrikonoxxut lilu dritt għal aċċess liberu għas-suq kif previst fit-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 ta' dik id-deċiżjoni. Tal-inqas, ir-raġunijiet li għalihom ommu waqfet mill-attività tagħha, li jistgħu jaqgħu taħt l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, ma humiex iddettaljati suffiċjentement fil-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja.

34 — C-451/11, EU:C:2012:504.

għar-rekwiżit li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali […]”[35]. Fi kliem ieħor, huwa biss għaliex l-Istat Membru ospitanti jawtorizza r-riunifikazzjoni tal-familja li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jista’ jħalli l-effetti tiegħu. Għaldaqstant huma l-liġijiet nazzjonali li jiddefinixxu, qabelxejn, il-kamp ta’ applikazzjoni *ratione personae* ta’ dik id-dispożizzjoni.

48. Għal dawn ir-raġunijiet preċedenti kollha, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li membru tal-familja ta’ ħaddiem Tork, awtorizzat sabiex jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti għar-riunifikazzjoni tal-familja, jista’, jekk huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet l-oħra kollha elenkati fih, jibbenefika mid-drittijiet li dik id-dispożizzjoni tistabbilixxi jekk il-perijodu ta’ tliet jew ħames snin li matulu l-ħaddiem Tork li miegħu jkun ingħaqad għandu jifforma parti mis-suq regolari tax-xogħol mhuwiex immedjatament konsekuttiv għall-wasla ta’ dak il-membru tal-familja fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

C – *Fuq it-tieni domanda preliminari li saret fil-Kawża C-508/15 u fuq l-unika domanda preliminari li saret fil-Kawża C-509/15*

49. Kif iddikjarajt, fid-dawl tar-risposta li jien nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti għall-ewwel domanda li saret fil-Kawża C-508/15, li jiena nqis, barra minn hekk, li hija utli sabiex tiċċara s-sitwazzjoni ġuridika ta’ R. Kilic, jien inqis li ma hemmx ħtieġa li nirrispondi għat-tieni domanda tal-Kawża C-508/15 u għad-domanda unika tal-kawża C-509/15.

50. Madankollu, nixtieq infakkar lill-qorti tar-rinviju, li, fil-Kawża C-509/15, hija kkonfrontata minn ordni ta’ tkeċċija, xi elementi rilevanti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, għalkemm jien konxju li t-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja b’ebda mod ma ssemmi din id-dispożizzjoni. Madankollu, l-osservazzjonijiet imressqa mid-dipartiment tal-barranin f’din il-kawża kienu wkoll ikkonċentrati fuq il-legalità tad-deċiżjoni ta’ tkeċċija li tolqot lil R. Kilic[36].

51. Għal kull buon fini, infakkar għalhekk li, għall-interpretazzjoni tal-eċċezzjoni ta’ ordni pubbliku msemmija fl-Artikolu 14(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, jeħtieġ li jsir riferiment għall-interpretazzjoni tal-istess eċċezzjoni fil-qasam ta’ moviment liberu tal-ħaddiema[37]. Il-kunċett ta’ ordni pubbliku “jippreżupponi l-eżistenza, minbarra l-perturbazzjoni għall-ordni soċjali li ksur tal-liġi jikkostitwixxi, ta’ theddida reali u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà”[38] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Billi l-eċċezzjoni ta’ ordni pubbliku għandha tiġi interpretata b’mod ristrett, “l-eżistenza ta’ kundanna kriminali tista’ tiġġustifika tkeċċija biss sa fejn iċ-ċirkustanzi li wasslu għal dik il-kundanna juru l-eżistenza ta’ mġiba personali li li tikkostitwixxi theddida attwali għall-ordni pubbliku”[39] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ċittadin Tork “jista’ jiġi mċaħħad mid-drittijiet li huwa jislet direttament mid-Deċiżjoni Nru 1/20 permezz ta’ tkeċċija biss fil-każ fejn din il-miżura tkun iġġustifikata miċ-ċirkustanza li l-imġiba personali tal-persuna kkonċernata turi riskju konkret ta’ perturbazzjonijiet serji ġodda tal-ordni pubbliku”[40] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

52. Jekk ikun il-każ, il-qorti tar-rinviju ser ikollha għalhekk tivverifika jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfatti fil-konfront ta’ R. Kilic.

35 — Sentenza tad-19 ta’ Lulju 2012, Dülger (C-451/11, EU:C:2012:504, punti 61 u 62 u ġurisprudenza ċċitata).

36 — Madankollu għandu jiġi enfasizzat li l-maġġor parti ta’ dawn l-osservazzjonijiet jirreferu għal kontroversja bejn id-dipartiment tal-barranin u l-qorti tar-rinviju dwar l-istatus tal-liġi nazzjonali applikabbli, kontroversja li jidher li ma taqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

37 — Ara s-sentenza tal-10 ta’ Frar 2000, Nazli (C-340/97, EU:C:2000:77, punt 56).

38 — Sentenzi tal-10 ta’ Frar 2000, Nazli (C-340/97, EU:C:2000:77, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tas-7 ta’ Lulju 2005, Aydinli (C-373/03, EU:C:2005:434, punt 27).

39 — Sentenza tal-10 ta’ Frar 2000, Nazli (C-340/97, EU:C:2000:77, punt 58). Ara wkoll is-sentenzi tas-16 ta’ Marzu 2000, Ergat (C-329/97, EU:C:2000:133, punt 46), tas-7 ta’ Lulju 2005, Dogan (C-383/03, EU:C:2005:436, punt 24) u tat-8 ta’ Diċembru 2011, Ziebell (C-371/08, EU:C:2011:809, punt 49).

40 — Sentenza tal-10 ta’ Frar 2000, Nazli (C-340/97, EU:C:2000:77, punt 61).

IV – Konklużjoni

53. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mill-Verwaltungsgericht Berlin (qorti amministrattiva ta' Berlin):

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni adottata mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-ħolqien ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija għandu jiġi interpretat fis-sens li membru tal-familja ta' ħaddiem Tork, awtorizzat sabiex jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti għar-riunifikazzjoni tal-familja, jista', jekk huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet l-oħra kollha elenkati fih, jibbenefika mid-drittijiet li dik id-dispożizzjoni tistabbilixxi jekk il-perijodu ta' tliet jew ħames snin li matulu l-ħaddiem Tork li miegħu jkun ingħaqad għandu jifforma parti mis-suq regolari tax-xogħol ma jkunx immedjatament konsekuttiv għall-wasla ta' dak il-membru tal-familja fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.